


Il-benefiċċji tal-globalizzazzjoni ekonomika fl-Europa: fatti u ċifri



©AP Images/Unjoni Ewropea-PE

Żieda fl-esportazzjonijiet, l-impjegi, l-opportunitajiet għall-kumpaniji... Skopri kif il-globalizzazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju għan-nies u l-intrapriżi fl-UE.

Il-globalizzazzjoni toħloq ħafna benefiċċji u opportunitajiet, kif ukoll sfidi. L-UE għandha l-għan li tkaddiem il-globalizzazzjoni billi timmassimizza l-opportunitajiet tagħha u ttaffi l-effetti negattivi tagħha.


Aktar kummerċ għall-kumpaniji Ewropej

[Ir-reġim kummerċjali Ewropew](#) u l-għadd kbir ta' ftehimiet kummerċjali negozjati mill-UE

jagħmluha reġjun tajjeb biex tinnegozja magħha. Hija l-aktar sieħba kummerċjali ewlenja għal 80 pajjiż.

B'rızultat ta' dan, l-UE hija [waħda mill-akbar atturi fil-kummerċ internazzjonal](#). Hija t-tieni l-akbar esportatur ta' prodotti fid-din ja wara c-Ċina u t-tielet l-akbar importatur wara l-Istati Uniti u c-Ċina. Barra minn hekk, l-UE hija n-negozjant ewljeni tas-servizzi.

L-GħADD TA' IMPJIEGI MARBUTA MAL-KUMMERċ MA' PAJJIŻI BARRA L-UE



Kroazja: L-ebda data disponibbli

Sors:
Kummissjoni Ewropea (id-19 ta' Awwissu 2015)



europarl.europa.eu

Infografika dwar il-kummerċ globali

Opportunitajiet ta' xogħol

Il-globalizzazzjoni toħloq ukoll opportunitajiet ta' xogħol. Fl-2019, aktar minn **38 miljun impjieg** (wieħed minn kull ħamsa) fl-UE kienu appoġġati minn esportazzjonijiet lejn pajjiżi barra mill-UE.



Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot
Kuntatt: webmaster@europarl.eu

Pereżempju: f'Malta fl-2019, l-esportazzjonijiet barra mill-UE appoġġaw 53 elf impjieg.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk [l-impiegi relatati mal-esportazzjoni huma mħallsa tajjeb](#). Bħala medja dawn l-impiegi jitħallsu 12 % aktar minn impiegi oħrajn.

Aqra aktar dwar *l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-impiegi*

Vantaġġi għall-konsumaturi

Il-benefiċċi l-kbar tal-globalizzazzjoni u l-kummerċ għall-konsumatur jiġu mill-importazzjonijiet. Ftehimiet kummerċjali jfissru li l-importaturi jħallsu dazji aktar baxxi. Flimkien ma' żieda fil-kompetizzjoni, dan ifisser prezziżiet aktar baxxi għall-prodotti u s-servizzi.

Il-konsumaturi jistgħu jibbenifika ukoll minn aktar għażla, hekk kif tiżdied il-varjetà ta' prodotti u servizzi.

Il-benefiċċi ta' prezziżiet aktar baxxi u aktar għażla ammontaw għal madwar EUR 600 fis-sena ġħal kull konsumatur tal-UE fl-2017.

Il-livell ta' ġid u kumdità qed jiżdied filwaqt li l-standards tal-għajxien qed jitjiebu.

Il-benefiċċi tal-kummerċ fi ħdan l-UE

Fi ħdan l-UE, is-suq uniku għandu l-għan li jneħħi l-ostakli għall-kummerċ bejn il-pajjiżi tal-UE.

Is-suq uniku Ewropew huwa l-akbar żona ekonomika mingħajr ostakli fid-dinja. Dan il-qasam jinkludi kważi 450 miljun persuna bi prodott domestiku gross ta' [madwar EUR14,5 triljun](#) fl-2021.

Huwa stmat li s-suq uniku ħoloq 2.8 miljun impjieg.

Aktar dwar il-globalizzazzjoni u l-UE

Ara l-artikoli li ġejjin:

- [Il-globalizzazzjoni: kif il-politika kummerċjali tal-UE tgħin fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem](#)
- [Spiegazzjoni tal-politika tal-kummerċ internazzjonal tal-UE](#)



- Il-pożizzjoni tal-UE fil-kummerċ dinji (infografika)